Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,606, 12 ta' April, 2021
Taqsima B

A.L. 157 tal-2021

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA
(KAP. 465)

Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Gruppi ta' Persuni f'Proprjetajiet Residenzjali (Emenda Nru 3)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 26 tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, il-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika, wara konsultazzjoni mas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Gruppi ta' Persuni f'Proprjetajiet Residenzjali (Emenda Nru 3) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaga waħda mar-Regolamenti dwar Gruppi ta' Persuni f'Proprjetajiet Residenzjali, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

L.S. 465.56.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali l-kliem "ma jistgħux jinġabru fi proprjetà residenzjali." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "ma jistgħux jinġabru fi proprjetà residenzjali:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda dawn ir-regolamenti ma japplikawx għall-persuni li jistgħu jiġu nnominati, appuntati, ordnati jew permessi minn qorti stabbilita mill-liġi għall-iskop li jagħmlu xogħol li jkun rikjest jew permess mill-istess Qorti.".